

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 101/2011**

tal-4 ta' Frar 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

(ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1100/2012 tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	16	27.11.2012
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
► <u>M3</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 735/2013 tat-30 ta' Lulju 2013	L 204	23	31.7.2013
► <u>M4</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 81/2014 tat-30 ta' Jannar 2014	L 28	2	31.1.2014
► <u>M5</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/147 tat-30 ta' Jannar 2015	L 26	3	31.1.2015
► <u>M6</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/111 tat-28 ta' Jannar 2016	L 23	1	29.1.2016
► <u>M7</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/149 tas-27 ta' Jannar 2017	L 23	1	28.1.2017
► <u>M8</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/137 tad-29 ta' Jannar 2018	L 25	1	30.1.2018

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 294, 10.10.2014, p. 53 (101/2011)



REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 101/2011

tal-4 ta' Frar 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'fondi' tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, inklużi iżda mhux limitati għal:
 - (i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, money orders (ordni tal-flus) u strumenti oħra ta' pagament;
 - (ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn;
 - (iii) titoli ta' sigurtà u titoli ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi titoli ta' fondi u ishma, ċertifikati li jirrap-preżentaw titoli ta' sigurtà, bonds, noti, warrants, obbligazzjonijiet u kuntratti derivati;
 - (iv) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew iġġenerat minnhom;
 - (v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, performance bonds jew impenji finanzjarji oħra;
 - (vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;
 - (vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;
- (b) 'iffriżar ta' fondi' tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi fi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-lok, id-dritt tal-proprjetà, il-pussess, il-karattru, id-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' portafoll;
- (c) 'riżorsi ekonomiċi' tfisser assi ta' kull xorta, kemm jekk tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;
- (d) 'iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi' tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi fi kwalunkwe mod, li jinkludu, iżda mhumiex limitat għal, bejgħ, kiri jew ipoteki tagħhom;
- (e) 'territorju tal-Unjoni' tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispażju tal-ajru tagħhom.



Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, li huma miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li, f'konformità mal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK, ġew identifikati mill-Kunsill bħala responsabbli għall-misapproprijazzjoni ta' fondi statali tat-Tuneżija, kif ukoll minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha ssir disponibbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew għall-benefiċċju tagħhom direttament jew indirettament.

3. Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, b'mod dirett jew indirett, l-evitar tal-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi pprojbita.

Artikolu 3

1. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-ejenkar tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati.

2. L-Anness I għandu jinkludi wkoll, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt il-kondizzjonijiet li jidhrilhom li huma adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

- (a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni elenkati fl-Anness I, u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inklużi pagamenti għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka immobijlari, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli jew għar-rimbors ta' spejjeż magħmula li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

▼B

- (c) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' miżati jew il-ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew
 - (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni f'dan il-każ li l-Istat Membru jkun innotifika bir-raġunijiet li jikkunsidra li għalihom għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.
2. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

▼M1*Artikolu 5*

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fis-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 2 ġie elenkat fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklużivament sabiex jiġu ssodisfatti l-pretensjonijiet ggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretendenzjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I; u
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

▼B*Artikolu 6***▼M1**

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imġax jew dħul ieħor fuq daww il-kontijiet; jew
- (b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 2 ġie elenkat fl-Anness I; jew

▼M1

- (c) ħlasijiet dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fl-Unjoni jew infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li tali imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet jiġu ffriżati f'konformità mal-Artikolu 2(1).

▼B

2. L-Artikolu 2(2) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi ttrasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, dment li kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar transazzjoni bħal din mingħajr dewmien.

Artikolu 7

B'deroga mill-Artikolu 2 u dment li pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness I ikun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż, jew obbligu li nħoloq mill-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernat, qabel id-data li fiha dik il-persuna, l-entità jew il-korp kienu nnominati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kondizzjonijiet li huma jqisu adatti, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li:

(i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għal pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness I;

(ii) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 2(2);

(b) l-Istat Membru kkonċernat, mill-inqas ġimgħatejn qabel l-ġhoti tal-awtorizzazzjoni, għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

Artikolu 8

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li jsiru disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi, magħmul in bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni hi konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma bħala riżultat ta' negliġenza.

▼B

2. Il-projbizzjoni mniżżla fl-Artikolu 2(2) m'għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li poġġew għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru l-projbizzjoni inkwistjoni.

Artikolu 9

1. Bla ħsara għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

- (a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew fejn jinsabu bħalissa, kif indikati fil-websajts elenkati fl-Anness I, u għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni; u
 - (b) jikkoperaw ma' dik l-awtorità kompetenti f'kull verifika ta' din l-informazzjoni.
2. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew tiġi rċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-iskopijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew irċevuta.

▼M1

3. Il-Paragrafu 2 ma għandux iwaqqaf lil Stati Membri milli jiskambjaw dik l-informazzjoni, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, mal-awtoritajiet rilevanti tat-Tuneżija u ta' Stati Membri oħra fejn ikun meħtieġ bil-fini li jassistu l-irkupru ta' assi misapproprjati.

▼B*Artikolu 10*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin bil-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti konnessa ma' dan ir-Regolament li hija għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 12

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemija fl-Artikolu 2(1), huwa għandu jemenda l-Anness I kif adatt.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-ejenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-oportunità li jippreżentaw oġġezzjonijiet.

▼B

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat kif adatt.
4. Il-lista fl-Anness I għandha tiġi rieżaminata f'intervalli regolari u tal-inqas kull 12-il xahar.

Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet ipprovduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissuazivi.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 14

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li ssir xi komunikazzjoni oħra magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju kollu tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;
- (b) abbord kwalunkwe ingenu tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;
- (c) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadina ta' Stat Membru;
- (d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, b'mod sħiħ jew parzjalment, ġewwa l-Unjoni.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ M6

ANNEX

LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 2

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
1.	Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI	Ex President tat-Tuneżija, twieled f'Hamman-Sousse, fit-3 ta' Settembru 1936, iben Selma HASSEN, mizzewwieg lil Leïla TRABELSI, detentur tal-karta tal-identità nazzjonali (NIC) Nru 00354671.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra u għar-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
2.	Leila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż, fl-24 ta' Ottubru 1956, bint Saida DHERIF, miżżewwġa lil Zine El Abidine BEN ALI, detentur tal-NIC Nru 00683530.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
3.	Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fl-4 ta' Marzu 1944, iben Saida DHERIF, mizzewwieg lil Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, jirresjedi fi 11 rue de France — Radès Ben Arous, detentur tal-NIC Nru 05000799.	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
4.	Mohamed Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Sabha-Lybie fis-7 ta' Jannar 1980, iben Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, mizzewwieg lil Inès LEJRI, jirresjedi f'Résidence de l'Étoile du Nord — suite B- is-7 sular — apt. Nru 25 — Centre urbain du nord — Cité El Khadra — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 04524472.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (ex-uffiċjal kap eżekuttiv tal-Banque Nationale Agricole) biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼ M6

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
▼ M8			
5.	Fahd Mohamed Sakher Ben Moncef Ben Mohamed Hfaiez MATERI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fit-2 ta' Diċembru 1981, iben Naïma BOUTIBA, mizzewwieg lil Nesrine BEN ALI, detentur tal-NIC Nru 04682068.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi Tuneżini minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-ex President Ben Ali) biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża telf lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika, l-ex President Ben Ali, bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf li ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
▼ M6			
6.	Nesrine Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż fis-16 ta' Jannar 1987, bint Leïla TRABELSI, mizzewwega lil Fahd Mohamed Sakher MATERI, detentur tal-NIC Nru 00299177.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
7.	Halima Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż, fis-17 ta' Lulju 1992, bint Leïla TRABELSI, detentur tal-NIC Nru 09006300.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
8.	Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-5 ta' Novembru 1962, iben Saida DHERIF, mizzewwieg lil Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, jirresjedi fi 32 rue de France — Radès Ben Arous, detentur tal-NIC Nru 00777029.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
9.	Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-24 ta' Ġunju 1948, iben Saida DHERIF, mizzewwieg lil Nadia MAKNI, amministratur delegat ta' impriża agrikola, jirresjedi fi 20 rue El Achfat — Carthage — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 00104253.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼ M6

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
10.	Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż fid-19 ta' Frar 1953, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Mohamed MAHJOUB, direttur amministrattiv, tirresjedi fi 21 rue d'Aristote — Carthage Salammbô, detentur tal-NIC Nru 00403106.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
11.	Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fis-26 ta' Awwissu 1974, iben Najia JERIDI, kummerċjant, jirresjedi fi 124 avenue Habib Bourguiba -Carthage residence, detentur tal-NIC Nru 05417770.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
12.	Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Reh-ouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fis-26 ta' April 1950, iben Saida DHERIF, miżżewġ lil Souad BEN JEMIA, direttur amministrattiv, jirresjedi fi 3 rue de la Colombe — Gammarth Supérieur, detentur tal-NIC Nru 00178522.	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
13.	Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-25 ta' Settembru 1955, iben Saida DHERIF, miżżewġ lil Ħela BELHAJ, CEO, jirresjedi fi 20 rue Ibn Chabat — Salammbô — Carthage -Tuneż, detentur tal-NIC Nru 05150331.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
14.	Samira Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż fis-27 ta' Diċembru 1958, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Mohamed Montassar MEHERZI, direttur kummerċjali, tirresjedi fi 4 rue Taoufik EI Hakim — La Marsa, detentur tal-NIC Nru 00166569.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinix dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.

▼ M6

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
15.	Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed MEHERZI	Tuneżin, twieled f'La Marsa fil-5 ta' Mejju 1959, iben Fatma SFAR, miżżewwieg lil Samira TRABELSI, CEO, jirresjedi fi 4 rue Taoufik El Hakim-La Marsa, detentur tal-NIC Nru 00046988.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
16.	Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet fl-1 ta' Frar 1960, bint Saida DHERIF, miżżewwega lil Habib ZAKIR, tirresjedi fi 4 rue de la Mouette — Gammarth Supérieur, detentur tal-NIC Nru 00235016.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
17.	Habib Ben Kaddour Ben Mustapha BEN ZAKIR	Tuneżin, twieled fil-5 ta' Marzu 1957, iben Saida BEN ABDALLAH, miżżewwieg lil Nefissa TRABELSI, kuntrattur, jirresjedi fi 4 rue Ennawras — Gammarth Supérieur, detentur tal-NIC Nru 00547946.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
